

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/586

tal-14 ta' April 2016

dwar l-istandards tekniċi għall-mekkaniżmu tar-rikarika tas-sigaretti elettroniċi

(notifikat *bid-dokument* C(2016) 2093)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(13) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 20(3)(g) tad-Direttiva 2014/40/UE jesiġi li l-Istati Membri jiżguraw li s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri tar-rikarika tagħhom ikollhom mekkaniżmu li jiżgura li jimtlew mill-ġdid bla ma jnixxu.
- (2) L-Artikolu 20(13) tad-Direttiva 2014/40/UE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-istandards tekniċi għall-mekkaniżmu tar-rikarika tas-sigaretti elettroniċi permezz ta' att ta' implimentazzjoni.
- (3) Minħabba t-tossiċità tal-likwidi li fihom in-nikotina użati fis-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri tar-rikarika, huwa xieraq li jiġi żgurat li s-sigaretti elettroniċi jkunu jistgħu jerġgħu jimtlew b'mod li jimminimizza r-riskju li dawn il-likwidi jmissu mal-ġilda u jinbelgħu bi żball.
- (4) Abbażi tar-rispons tal-partijiet interessati u ħidmet kuntrattur estern, ġew identifikati standards tekniċi maħsuba biex jiżguraw li l-mekkaniżmi tar-rikarika konformi jipprovdu protezzjoni adegwata kontra t-tnixxija.
- (5) L-istandards tekniċi identifikati jinkludu wkoll miżuri li jiżguraw li l-konsumaturi jkunu infurmati kif xieraq dwar kif joperaw il-mekkaniżmi tar-rikarika sabiex jiġi żgurat li l-mili mill-ġdid isir bla tnixxija.
- (6) Il-partijiet interessati jaf ikunu jixtiequ jiprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar mekkaniżmi alternattivi li jkunu żviluppaw biex jiżguraw mili mill-ġdid bla tnixxija, u dan jista' jwassal biex din id-Deċiżjoni tiġi riveduta.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/40/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-istandards tekniċi għall-mekkaniżmu tar-rikarika tas-sigaretti elettroniċi manifatturati jew importati fl-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 127, 29.4.2014, p. 1.

*Artikolu 2***Rekwiżiti għall-mekkaniżmu tar-rikarika**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri tar-rikarika jitqiegħdu fis-suq biss jekk il-mekkaniżmu tar-rikarika tas-sigaretti elettroniċi jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jinvolvi l-użu ta' kontenitur tar-rikarika b'taġħmir imwahaħhal sew ta' żennuna twila mill-inqas 9 mm, li tkun idjaq mill-fetħa tat-tank tas-sigaretti elettroniċi li tintuża magħhom u li tidħol fiha bla diffikultà filwaqt li jkollha mekkaniżmu li jikkontrolla l-fluss li ma jifexx iktar minn 20 qatra tal-likwidu tal-mili mill-ġdid kull minuta meta jitqiegħed b'mod vertikali u jkun suġġett għal pressjoni atmosferika biss ta' 20 °C ± 5 °C;

(b) dan jopera permezz ta' sistema ta' dokkjar li jirrilaxxa l-likwidi ta' rikarika biss fit-tank tas-sigarett elettroniku meta s-sigarett elettroniku u l-kontenitur tar-rikarika jkunu konnessi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri tar-rikarika jinkludu struzzjonijiet xierqa dwar il-mili mill-ġdid, inklużi dijaġrammi, bħala parti tal-istruzzjonijiet għall-użu stipulati mill-Artikolu 20(4)(a)(i) tad-Direttiva 2014/40/UE.

Is-sigaretti elettroniċi li jimtlew mill-ġdid u l-kontenituri tar-rikarika b'mekkaniżmu tar-rikarika tat-tip imsemmi fil-paragrafu 1(a) għandhom jindikaw kemm hi wiesgħa ż-żennuna jew il-fetħa tat-tank fl-istruzzjonijiet għall-użu b'mod li jippermetti lill-konsumaturi jidentifikaw il-kompatibbiltà tas-sigaretti elettroniċi mal-kontenituri tar-rikarika.

Is-sigaretti elettroniċi li jimtlew mill-ġdid u l-kontenituri tar-rikarika b'mekkaniżmu tar-rikarika tat-tip imsemmi fil-paragrafu 1(b) għandhom jispeċikaw, fl-istruzzjonijiet dwar l-użu, it-tipi tas-sistemi ta' dokkjar li magħhom ikunu kompatibbli t-tali sigaretti elettroniċi u kontenituri tar-rikarika.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni